**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 353/2009**

**IL-PULIZIJA**
**(Superintendent Anne Marie Xuereb)**

**-Vs-**

**NEVILLE SPITERI**

**Illum, 24 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **NEVILLE SPITERI**, ta' 39 sena, bin Joseph u Catherine nee' Bonett, imwieled Sliema fit-2 ta' Ġunju 1969 , residenti 'El Shaddai, 12, Triq Balaguer Balzan, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 228369M li ġie akkużat:-

Talli fi Frar 2009 u fix-xhur preċedenti f'dawn il-Gżejjer b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejt ħaġa b'oħra sabix iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' inrapriżi

foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Maria Theresa Vella, detentriċi tal-karta ta' l-identita' bin-numru 332048M, ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamilt użu minn dokument falz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi approprijajt ruħek, billi dawwart bi profit għalik jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsijata lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat għad-detriment ta' Maria Therese Vella detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru 332048(M), ai termini ta' l-artikolli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Ġunju 2014 fejn il-kawża ġiet differita *sine die* riappuntabbli biss wara illi l-imputat jirritorna Malta;

Rat id-digriet mogħti mill-Qorti diversament preseduta fil-31 ta' Lulju 2014 fejn riappuntat il-kawża għas-smigħ;

Rat id-digriet mogħti mill-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Awwissu 2014 li permezz tiegħu l-kawża reġgħet ġiet differita *sine die* riappuntabbli fuq talba tal-Prosekuzzjoni;

Rat id-digriet mogħti minnha fl-20 ta' Ottubru 2021 fejn laqgħet ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija u riappuntat il-kawża għas-smigħ għas-17 ta' Novembru 2021;

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur taqra u tikkonferma bil-ġurament l-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2022 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 183, 184, 187, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
2. Fl-artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tad-19 ta' Jannar 2023 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi** li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta illi l-akkużi odjerni nibtu minn rapport li sar minn Maria Theresa Vella għall-ħabta ta' Frar 2009 fil-konfront tal-imputat. Jirriżulta illi l-imputat flimkien ma' martu u ċertu Raymond Teeling, kienu krew mingħand l-istess Maria Theresa Vella għal perijodu ta' ħames snin u disa' xhur[1], il-blokk appartamenti bl-isem Wellington Court, ġewwa Triq il-Wilġa, Paceville li kienu għandha b'ċens. Il-kera kellu jitħallas kull sitt xhur bil-quddiem.

**Maria Theresa Attard** xehdet[2] illi l-imputat kellu jagħtiha l-kera fis-somma ta' €3,000 u kien taha *cheque post-dated* bid-data 19 ta' Frar 2009 fis-somma ta' €3,000 liema *cheque* kien maħruġ mill-kont bankarju tal-kumpannija Venille Co. Ltd. ma' APS Bank Limited (Dok. MA2). Meta marret il-Bank biex issarraf dan ic-*cheque*, il-bank ma riedx jonorah.

Xehdet illi iktar tard fl-istess ġurnata, 19 ta' Frar 2009, wara li kienet infurmatu li c-*cheque* li kien taha ma kienx ġie msarraf, l-imputat għaddielha *cheque* ieħor maħruġ mill-kont bankarju tal-kumpannija All 4 U Co. Ltd. bin-numru 40017365138 ma' Bank of Valletta p.l.c., liema *cheque* ukoll kien datat 19 ta' Frar 2009 fl-istess somma ta' €3,000 (Dok. MA1). Dan ic-*cheque* kien intestat lill-imputat Neville Spiteri iżda kien iffirmah fuq wara u għaddihulha. Maria Theresa Vella xehdet illi marret mill-ewwel biex issarrfu, iżda dan ukoll ma ġiex onorat mill-Bank. Ikkonfermat illi l-imputat kien taha żewġ *cheque*s mhux għaliex kellu jagħtiha sitt eleft Euro b'kollox

[1] Sal-31 ta' Jannar 2013, ara Dok. ED.
[2] Xhieda tal-14 ta' Frar 2022.

iżda biex wieħed ipatti għall-ieħor, għaliex l-ewwel wieħed ma kienx issarraf. Xehdet ukoll illi llum l-imputat fadallu jtiha s-somma ta' €1,300[3] mill-import tac-*cheque*s li ma kienux issarrfu.

**John Micallef** wieħed mid-diretturi tal-kumpannija All 4 U Co. Ltd. li kien ġie maħruġ mill-kont tagħha ic-*cheque* Dok. MA1, xehed illi li kien jikri ħanut mingħand l-imputat ġewwa l-Ħamrun, u kien ħareġ *cheque* fis-somma ta' €3,000 biex iħallsu għall-kera bil-quddiem iżda sadanittant, kien sab inkwilin ieħor li daħal minfloku fil-kirja u l-kera ġiet imħallsa lill-imputat mill-inkwilin il-ġdid. Għalhekk kien talab lill-imputat biex jagħtih ic-*cheque* lura għaliex il-kera ma kienx għadu dovut u għaliex in-negozju tal-kumpannija All 4 U Co. Ltd. kien waqaf jopera u ma kienx hemm flus fil-kont bankarju. Iżda minkejja li kien iċempillu ta' sikwit biex jitolbu jroddlu c-*cheque* lura, l-imputat baqa' qatt ma tahulu lura, dejjem b'xi skuża jew oħra. Kien qallu wkoll li ma kellux isarraf ic-*cheque*. Iżda mbagħad sar jaf li l-imputat kien ta dan ic-*cheque* lil xi ħadd bħala pagament għaliex kien ċempillu ċertu Chris li kien talbu l-flus tac-*cheque* għaliex qallu li kien mar ipprova jsarrfu iżda ma kienx issarraf.

John Micallef għaraf il-firma u l-kitba tiegħu fuq ic-*cheque* Dok. MA1 u afferma wkoll illi meta kien ta dan ic-*cheque* lill-imputat oriġinarjament, kien niżżel data futura (*post-dated*) iżda qabel dik id-data kienu laħqu solvew il-pendenzi kollha ta' bejniethom u kien ta struzzjonijiet lill-imputat biex ma jsarrafx ic-*cheque*. John Micallef stqarr fix-xhieda tiegħu illi meta kien ta c-*cheque* lill-imputat kien hemm biżżejjed fondi biex dan jissarraf iżda eventwalment, meta waqaf jopera n-negozju mill-ħanut tal-imputat, ma kienx għad hemm fondi biżżejjed fil-kont bankarju tal-kumpannija All 4 U Co. Ltd. biex jissodisfa l-ħlas u lill-imputat kien qallu b'dan u qallu wkoll biex ma jsarrafx ic-*cheque*.

**L-imputat Neville Spiteri** xehed illi kien li sar jaf lil Maria Theresa Vella tramite ħabib tiegħu, Raymond Teeling, u flimkien kienu krew mingħandha numru ta' appartamenti. Qal li kien nefaq eluf ta' euro biex iġib dawn l-appartament fi stat

[3] Xhieda tat-28 ta' Settembru 2023.

abitabbli u biex iħallas kontijiet pendenti tas-servizz tad-dawl u ilma fl-appartament, liema servizz kien ġie maqtugħ. Minħabba f'hekk għaddew sitt xhur sakemm seta' jibda jikri l-appartamenti lil terzi u sadanittant ma kellux introjtu. L-imputat xehed illi meta sar dovut il-kera, li kellu jitħallas bil-quddiem, kien talab lil Maria Theresa Vella biex tagħtih ċans biex iħallas, iżda bdiet tagħfsu biex iħallas u anke bdiet tiġi kuljum tħabbatlu d-dar għall-flus għaliex kienet mibgħuta mis-sieħeb tagħha ċertu Chris. Sadanittant kellu jagħtiha €3,000. Kien qalilha li qed jistenna jirċievi l-kera ta' ħanut il-Ħamrun ukoll fis-somma ta' €3,000. Iżda Maria Theresa Vella ma riditx tistenna u talbitu mqar jagħtiha xi ħaġa u għalhekk kien taha *cheque* ta' APS Bank Limited *post-dated* bid-data tad-19 ta' Frar 2009, l-istess data li kellhom jitħallsu l-flus tal-kera tal-ħanut tal-Ħamrun, u dan biex turih lis-sieħeb tagħha, iżda kien qalilha li l-kont ma kienx fih flus u ma kellhiex issarrfu. Ammetta, iżda, illi ma kienx qalilha li l-kont kien magħluq għaliex għalih dawn ifissru l-istess ħaġa. "*Jien għidtilha tmurx issarrfu għax ma fihx flus ... Għidtilha ma fihx flus, li hu magħluq le ma għidtilhiex dik il-verita'*" Qalilha wkoll li kif jidħol il-flus tal-kera tal-ħanut tal-Ħamrun itiha l-flus u hi tagħtih lura dak ic-*cheque*. Iżda hija marret issarraf ic-*cheque* ta' APS Bank Limited u dan ma ġiex imsarraf.

L-imputat xehed illi hekk kif John Micallef tah ic-*cheque* fid-19 ta' Frar 2009, liema *cheque* huwa saħaq li ma kienx *post-dated*, kien ċempel lil Maria Theresa Vella u mar jagħtiha c-*cheque* li kien iffirmah fuq wara, biex hi tkun tista' ssarrfu. "*Mill-ewwel ċempilt lis-Sinjura Vella biex ma toqgħdox tiġri warajja tħabbatli l-bieb*" Ma kienx jaf li l-kont li minnu kien inħareġ dan ic-*cheque* ma kienx fih flus. Fil-fatt, l-għada qaltlu li l-bank ma kienx aċċetta li jonora c-*cheque*.

Xehed ukoll li fadallu jagħti lil Maria Theresa Vella s-somma ta' cirka €1,100 u qed iħallasha bir-rata ta' €50 fix-xahar.

**Mill-provi jirriżulta wkoll** illi l-kont bankarju ta' Venille Co. Ltd ma' APS Bank Limited, bin-numru 11823330017, kien ingħalaq fil-11 ta' Settembru 2002[4] iżda ċ-*cheque*s li kienu għadhom fil-pussess tal-*account holder* baqgħu qatt ma ġew ritornati lill-bank minkejja li l-kont kien ingħalaq. Jirriżulta wkoll illi c-*cheque* Dok. MA2 maħruġ mill-imputat mill-imsemmi kont, ġie ppreżentat lill-Bank għall-pagament fid-19 ta' Frar 2009[5]. Fl-24 ta' Frar 2009, il-Bank kiteb lid-diretturi ta' Venille Co. Ltd[6] biex jirritornaw ic-*cheque*s mhux użati lura lill-Bank[7]. Il-firmatarji ta' dan il-kont bankarju kienu l-imputat Neville Spiteri u jew martu Michelle Spiteri. Minn eżami taċ-*cheque* in diżamina, Dok. MA2, jirriżulta illi fih biss firma ta' persuna waħda.

Ic-*cheque* maħruġ mill-kont bankarju ta' All 4 U Co. Ltd ma' Bank of Valletta p.l.c. (Dok. MA1), ukoll ma ġiex imsarraf u fuq ic-*cheque* ġie mniżżel "*19.02.2009 Refer to drawer*". Mid-dokumenti esebiti fl-atti[8] jirriżulta li dan ukoll ġie ppreżentat lill-Bank għall-ħlas fid-19 ta' Frar 2009 iżda ma ġiex imsarraf għaliex ma kienx hemm fondi suffiċjenti fil-kont[9] u jirriżulta wkoll li ġie ffirmat minn John Micallef, li kien wieħed mill-firmatarji tal-kont u wieħed mid-diretturi tal-kumpannija All 4 U Co. Ltd.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qiegħed jiġi mixli bir-reati taħt l-artikoli 183, 184 u 187 tal-Kodiċi Kriminali, ilkoll reati ta' falsifikazzjoni.

Issa kif rajna, l-imputat *ex admissis* ħareġ *cheque* mill-kont bankarju tal-kumpannija Venille Co. Ltd. ma' APS Bank Limited (Dok. MA2), iffirmah u tah lil Maria Theresa Vella b'data fil-futur indikata fuqu, u qalilha li l-kont ma kienx fih flus. Jirriżulta li l-imputat, wieħed mid-diretturi ta' Venille Co. Ltd, kien ukoll wieħed mill-firmatarji ta' dan il-kont u seta' joħroġ *cheque*s mill-kont anke bil-firma tiegħu biss. Minn eżami

[4] Ara xhieda Alex Camilleri, 14 ta' Frar 2022.
[5] Ara xhieda ta' Alex Camilleri, 14 ta' Frar 2022
[6] Skont ix-xhieda ta' Claudia Diacono, id-diretturi tal-kumpannija Venille Co. Ltd kienu l-imputat Neville Spiteri u Michelle Spiteri. Din il-kumpannija ġiet imħassra mir-Reġsitru tal-Kumpanniji fit-30 ta' Ġunju 2020 – Dok. CD2.
[7] Ara ittra Dok. MCZ, paġna 244 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[8] Dok. JB1, paġna 178 tal-atti tal-kompilazzjoni u l-orġinal Dok. MCY, paġna 234 tal-atti.
[9] Ara *statement* paġna 187 tal-atti ("*Charge on cheque 13 - Insufficient Funds*").

anke mad-daqqa t'għajn tal-*Appointment of Bankers Form* esebit minn Rebecca Micallef (Dok. RM1), minnufih jirriżulta li l-kampjun tal-firma tal-imputat hija differenti ferm minn u ma għandha x'taqsam xejn mal-firem li kien iffirma fuq ic-*cheque* Dok. MA2. Dawn il-firem m'humiex kompatibbli lanqas mal-firma tal-imputat fuq wara taċ-*cheque* Dok. MA1 maħruġ minn All 4 U Co. Ltd., liema *cheque* huwa xehed illi kien iffirmah fuq wara biex jgħaddih lil Maria Theresa Vella ħalli tkun tista' ssarrfu.

L-insenjament abbraċċjat mill-Qrati tagħna in tema ta' falsita' huwa dak mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** mogħtija fis-17 ta' Ottubru 1997 minn din il-Qorti diversament preseduta, li fissret id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

"*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (**Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II** (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem **Manzini** (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin* "non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".

Applikat dan it-tagħlim għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, ma jirriżultax illi ċ-*cheque* Dok. MA2 ma kienx wieħed ġenwin: fil-fatt, dan kien *cheque* tal-kumpannija Venille Co. Ltd. maħruġ minn APS Bank Limited. L-imputat bħala direttur tal-kumpannija Venille Co. Ltd. u wieħed mill-firmatarji tal-kont bankarju li minnu nħareġ ic-*cheque*, kien ukoll awtorizzat jiffirma dan ic-*cheque*, kif del resto għamel. Huwa minnu li l-imputat iffirma b'firma li ma tixbaħx lil tiegħu u li kienet differenti ferm mill-kampjun tal-firma mogħti lil APS Bank Limited fuq l-*Appointment of*

*Bankers Form,* iżda b'daqshekk ma kienx qiegħed jagħmel firma falza ta' terza persuna bħallikieku c-*cheque* inħareġ minn terza persuna, għaliex kif stabbilit, huwa iffirma *cheque* tiegħu nnifsu li kien awtorizzat jiffirmah. Inoltre, ma jirriżultax illi b'din il-firma differenti saret xi dikjarazzjoni falza jew inħolqot obbligazzjoni falza. Mhux il-każ lanqas illi wara li nħareġ dan ic-*cheque,* l-imputat għamel tibdil fih jew daħħal jew żied fuq ic-*cheque* in segwitu għall-ħruġ tiegħu, xi dikjarazzjoni falza jew dispożizzjonijiet li joħolqu obbligi jew pattijiet foloz, għaliex mill-provi huwa stabbilit illi huwa kien għadda dan ic-*cheque* lil Maria Theresa Vella kif appena inkiteb u ġie ffirmat minnu, u minn hemmhekk dejjem baqa' fil-pussess tagħha.

L-artikolu 183 jiddisponi illi hija ħatja tar-reat ta' falsifikazzjoni kull persuna li ma tkunx uffiċjal jew impjegat pubbliku:-

"*... li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw...*"

Dan ir-reat jipotetizza l-kunċett tal-falsita' ideoloġika. Il-fatt illi l-imputat innifsu ffirma *cheque* li kien awtorizzat jiffirmah, iżda b'firma differenti mill-kampjun tal-firma mogħti lill-Bank u mill-firma ordinarja tiegħu, għad illi jista' jfisser li l-imputat seta' għamel dan biex ic-*cheque* ma jkunx jista' jissarraf u b'hekk jinganna bil-persuna li kellha l-jedd tirċievi l-pagament, ma jammontax għal falsifikazzjoni tas-sustanza jew il-kontenut tac-*cheque,* ossia l-falsifikazzjoni ideoloġika li tikkostitwixxi l-essenza tar-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 187 tal-Kap. 9.

Ir-reat taħt l-artikolu 184 tal-Kap. 9 imbagħad, jippunixxi min xjentement jagħmel użu minn att jew skrittura falza, jew b'kitba falsifikata f'att awtentiku u pubbliku jew fi

skrittura kummerċjali jew ta' bank privat kif imsemmi fl-artikolu preċedenti, l-artikolu 183 tal-Kap. 9. Diġa' ġie eskluż li l-imputat għamel użu minn dokument – f'dan il-każ *cheque* – li huwa falz. Il-fatt illi l-kont bankarju li minnu nħareġ ic-*cheque* Dok. MA2 kien magħluq u allura c-*cheque* ma seta' qatt jiġi msarraf, ma jfissirx li d-dokument ma kienx ġenwin jew kien iffalsifikat. Għaldaqstant, ma tistax tinsab ħtija taħt l-artikolu 184 tal-Kap. 9.

L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika wkoll li tista' tinsab ħtija għar-reat taħt l-artikolu 187 tal-Kap. 9, li huwa r-reat tal-falsifikazzjoni fi skritturi privati fejn l-aġent tar-reat, b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179 - ċioe' b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi jdaħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa iffurmati jew magħluqa - jagħmel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli.

Diġa' ġie stabbilit illi l-firma fuq ic-*cheque* Dok. MA2, għad illi hija differenti ħafna mill-firma abitwali tal-imputat u l-kampjun tal-firma tiegħu fir-records ta' APS Bank Limited, ma hijiex il-firma falza ta' terza persuna, u kif intqal fil-konsiderazzjonijiet marbutin mar-reat taħt l-artikolu 183 tal-Kap. 9, ma sar ebda tibdil jew żieda fiċ-*cheque* wara li dan ġie ffirmat. Ma jirriżultax lanqas illi b'din il-firma differenti saret xi dikjarazzjoni falza jew inħolqot obbligazzjoni falza.

Fuq kollox, ic-*cheque* Dok. MA2 ma jirrientrax fl-iskop ta' "*skrittura privata*". Għalkemm il-Kodiċi ma jagħtix definizzjoni ta' liema dokumenti għandhom jitqiesu bħala skrittura privata, in-nuqqas ta' definizzjoni għall-Qorti jfisser illi t-terminu għandu jingħata interpretazzjoni wiesa' bħala kull dokument li juri l-eżistenza ta' transazzjoni u li ma jeħtieġx l-intervent ta' uffiċjal pubbliku biex jikkostitwixxi evidenza tal-kontenut tiegħu. **Madankollu, *cheque* huwa strument kummerċjali stampat minn bank privat li fih struzzjonijiet lill-bankier biex iħallas l-ammont indikat mill-kont bankarju tal-pagatur, u b'hekk għandu jitqies bħala dokument maħruġ minn bank privat**. Il-falsifikazzjoni f'dokument bħal dak hija diġa'

maħsuba bħala reat speċifikatament taħt l-artikolu 183 tal-Kap. 9 u għalhekk, il-Qorti tqis illi ma tistax tinstab ħtija għar-reat taħt l-artikolu 187 tal-Kap. 9 meta d-dokument falz huwa *cheque* ta' bank privat ossia dokument kummerċjali.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reat ta' misappropprjazzjoni taħt l-artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9. L-artikolu 293 jiddisponi illi huwa ħati ta' dan ir-reat kull min:-

*'... japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdatajew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat...'*

L-element materjali kostituttiv ewlieni tar-reat ta' misapproprjazzjoni huwa l-konverżjoni mill-aġent tar-reat bi profitt għalih jew għal ħaddieħor, tat-titolu li taħtu l-oġġett ikun ġie fdat lilu, u dan billi jagħmel użu minnu differenti minn dak li jkun obbligat għalih. Għahekk ir-reat jiġi kommess meta l-oġġett akkwistat mir-reat, għad illi jkun ġie fil-pussess tal-aġent tar-reat b'mod leġittimu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu li jsir użu minnu speċifikat, jiġi mdawwar illegalment mill-aġent tar-reat bi profitt għalih innifsu jew għal ħaddieħor.

Fil-fatt, huwa ritenut illi l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat "*mhuwiex l-użu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan.*"[10]

Iżda meta dan il-kunċett legali jiġi applikat għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti ma tirriskontra xejn fl-atti u fil-provi proċesswali li juri illi l-imputat irċieva oġġett taħt obbligu li jagħmel użu speċifikat minnu u dawwar l-oġġett illegalment bi

---

[10] 3 **Il-Pulizija vs Joseph Muscat**, Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.

profitt għalih. L-uniku oġġett li jirriżulta li l-imputat irċieva mingħand xi ħaddieħor huwa c-*cheque* intestat lilu bid-data tad-19 ta' Frar 2009, liema *cheque* inħareġ minn John Micallef mill-kont bankarju tal-kumpannija All 4 U Co. Ltd. għall-ammont ta' €3,000 (Dok. MA1). John Micallef fix-xhieda tiegħu sostna illi dan ic-*cheque* kien inħareġ xhur qabel id-19 ta' Frar 2009, meta kien imiss il-ħlas bil-quddiem tal-kera tal-ħanut li kien jikri mingħand l-imputat. Iżda sadanittant, qabel id-19 ta' Frar 2009 kien laħaq assenja l-kirja tal-ħanut lil terza persuna li kienet ħallset hija stess il-kera fis-somma ta' €3,000 lill-imputat, bir-riżultat li l-ammont ta' €3,000 imħallas bic-*cheque* li hu kien diġa' għadda lill-istess imputat, ma kienx iktar dovut lilu. Xehed ukoll illi kien talab lill-imputat diversi drabi biex jagħtih ic-*cheque* lura iżda l-imputat baqa' qatt ma tahulu lura u mbagħad, sar jaf li kien għaddih lil terzi biex jissarraf.

Il-Qorti ma taqbilx li f'dan il-kwadru ta' fatti huma riskontrabbli l-elementi tar-reat ta' misappropprjazzjoni. Ibda biex mix-xhieda ta' John Micallef innifsu, il-Qorti fehmet illi ċ-*cheque* Dok. MA1 ġie mgħoddi lill-imputat biex dan jiġi ppreżentat lill-bank għall-ħlas fid-19 ta' Frar 2009 jew wara dik id-data, iżda mhux qabel. Ma hemm xejn fil-provi proċesswali li juri illi dan ic-*cheque* ġie msarraf qabel l-imsemmija data. Fil-fatt, l-istatements bankarji esebiti minn Joanna Bartolo juru illi c-*cheque* bin-numru 13 mill-kont tal-kumpannija All 4 U Co. Ltd. ġie ppreżentat lill-bank għall-ħlas fid-19 ta' Frar 2009. L-imputat xehed illi hekk kif irċieva dan ic-*cheque* mingħand John Micallef huwa għaddih fil-pront lil Maria Theresa Attard, li min-naħa tagħha affermat illi hekk kif l-imputat taha dan ic-*cheque* hija marret issarfu mill-ewwel.

Għalhekk, dan kollu magħdud, mhux ippruvat illi l-imputat applika c-*cheque* li ngħatalu minn John Micallef għal użu differenti minn dak li ġie speċifikat lilu meta c-*cheque* ġie mgħoddi lilu għall-ħlas, għaliex meta c-*cheque* inħareġ f'ismu, dan sar evidentement biex jikseb bih il-ħlas fis-somma ta' €3,000 fid-19 ta' Frar 2009 jew wara din id-data.

Madanakollu, John Micallef xehed illi huwa kien ħareġ ic-*cheque* Dok. MA1 u għaddih lill-imputat diversi xhur qabel id-19 ta' Frar 2009, id-data indikata fuq ic-

*cheque*. Xehed ukoll illi kien ta struzzjonijiet lill-imputat ferm qabel id-19 ta' Frar 2009 biex ma jsarrafx ic-*cheque* u jagħtihulu lura għaliex l-ammont rappreżentanti l-kera ma kienx għadu dovut, madankollu, minkejja dawn l-istruzzjonijiet, l-imputat baqa' ma tahx ic-*cheque* lura, żammu u għaddih lil terzi biex isarrfuh.

Iżda l-Qorti ma taqbilx li fil-kwadru ta' fatti li joħroġ mix-xhieda ta' John Micallef huma riskontrabbli l-elementi materjali tar-reat ta' misappropriazzjoni Dan qed jingħad għaliex fil-fehma tal-Qorti, l-element tal-konverżjoni bi profitt għall-aġent tar-reat jew għal ħaddieħor, jirriferi għall-konverżjoni tat-titolu li taħtu l-oġġett ikun ġie fdat lill-aġent, u mhux titolu differenti li in segwitu jkun ġie speċifikat mis-soġġett passiv tar-reat. Dan hu deżumibbli mill-kliem tal-artikolu 293 tal-Kap. 9 fejn jintqal illi r-reat jiġi kommess meta l-aġent "*idawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor* ***li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu***" speċifikat. Evidentement, il-ħsieb tal-leġislatur hu li r-reat jiġi kkommess meta jiġi mdawwar bi profitt, it-titolu li **jakkumpanja l-kunsinna tal-ħaġa** u mhux titolu ieħor differenti li jista' jiġi speċifikat wara.

Fi kwalsiasi każ iżda, anke jekk għal mument il-Qorti kellha taċċetta illi l-imputat dawwar bi profitt għalih jew għal ħaddieħor, ic-*cheque* mgħoddi lilu minn John Micallef meta għaddih lil Maria Theresa Attard għall-ħlas minkejja li kien ġie mitlub biex jirritorna c-*cheque* għaliex il-ħlas ma kienx għadu dovut, tqis illi xorta waħda m'huwiex ippruvat kif imiss illi l-imputat naqas milli japplika c-*cheque* skont l-istruzzjonijiet il-ġodda mogħtija lilu dwar l-użu li kellu jsir bih. Dan qed jingħad għaliex fil-fehma tal-Qorti il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, li c-*cheque* Dok. MA1 kien ġie oriġinarjament ikkunsinnat lill-imputat diversi xhur qabel id-19 ta' Frar 2009 u l-imputat kien ingħata struzzjonijiet biex ma jsarrfux u biex iroddu lura.

Ibda biex l-imputat jiċħad fix-xhieda tiegħu illi c-*cheque* ingħatalu qabel id-19 ta' Frar 2009 u li kien *post-dated*. Hu xehed illi kien ħareġ ic-*cheque* mill-kont bankarju ta' Venille Co. Ltd. *post-dated* bid-data tad-19 ta' Frar 2009 għaliex kien jaf illi dakinhar

kellu jirċievi l-ħlas tal-kera tal-ħanut fil-Ħamrun mingħand John Micallef, u afferma illi kif irċieva dan ic-*cheque* mingħandu għaddih lil Maria Theresa Attard. Kif diġa' ġie stabbilit, Maria Theresa Attard marret issarraf dan ic-*cheque* fl-istess data, 19 ta' Frar 2009.

Il-Prosekuzzjoni għalkemm ressqet biex jixhed lil John Micallef, li xehed bil-ġurament illi kien ħareġ ic-*cheque* Dok. MA1 diversi xhur qabel id-data tad-19 ta' Frar 2009, ma sostanzjatx din ix-xhieda bil-produzzjoni ta' evidenza li tafferma b'mod oġġettiv l-asserzjoni ta' John Micallef illi l-ammont imħallas bic-*cheque* Dok. MA2 kien ġie in segwitu mħallas lill-imputat mill-inkwilin il-ġdid li kien daħal minfloku fil-kirja tal-ħanut, u li kien għalaq il-pendenzi tiegħu mal-imputat b'rabta mal-kirja tal-ħanut, qabel id-19 ta' Frar 2009. Ma ġietx prodotta kopja tal-ftehim lokatizzju bejn l-imputat u John Micallef jew il-kumpannija tiegħu biex jiġi stabbilit id-data meta kienet dovuta l-kera għall-fond fil-Ħamrun.

Fuq kollox, ma hemm xejn lanqas fl-atti u l-provi proċesswali li jikkonvinċi lill-Qorti li għandha tagħti piz lill-verżjoni ta' John Micallef li c-*cheque* Dok. MA1 kien inħareġ *post-dated* u mhux fid-19 ta' Frar 2009, id-data tac-*cheque*, u mhux lill-verżjoni tal-imputat li l-ħlas tal-kera kien dovut u c-*cheque* Dok. MA1 ingħata lilu fid-19 ta' Frar 2009. Kemm hu hekk, il-verżjoni tal-imputat li c-*cheque* in diżamina ngħatalu fid-19 ta' Frar 2009 u mhux qabel, hi korroborata sa ċertu punt minn Maria Theresa Attard li xehdet illi l-imputat taha *cheque* ieħor biex ipatti għac-*cheque* li ma kienx ġie msarraf minn APS Bank Limited, iktar tard dakinhar stess fid-19 ta' Frar 2009.

Il-Qorti ma tqisx li l-verżjoni tal-imputat hija improbabbli jew irraġjonevoli u, in mankanza ta' evidenza bażika li hija tistenna li messet ġiet imressqa mill-Prosekuzzjoni biex tissostanzja l-verżjoni tagħha u tagħtiha fejda ad esklużjoni tal-verżjoni tal-imputat, fil-fehma tagħha l-asserzjoni li c-*cheque* Dok. MA1 inħareġ qabel id-19 ta' Frar 2009 u l-imputat ingħata struzzjonijiet biex ma jsarrafx dan ic-*cheque* fid-19 ta' Frar 2009, m'hijiex sorretta bi provi konklussivi. F'dan il-kwadru

ta' provi, il-Qorti tirravviża dubju li għandu jibbenefika minnu l-imputat bl-applikazzjoni tal-prinċipju *in dubio pro reo.*

Għaldaqstant, billi ma ġiex ippruvat kif imiss li c-*cheque* Dok. MA1 kien ġie fdat lill-imputat biex jagħmel minnu użu speċifikat, ċioe' li ma jsarrfux jew iroddu lura lil John Micallef, iżda minkejja dan, l-imputat dawru bi profitt għalih jew għal Maria Theresa Vella, mhux sejjer jinsab ħtija għar-reat taħt l-artikolu 293 u lanqas għar-reat aggravat taħt l-artikolu 294 tal-Kap. 9 li ġew indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Ikkunsidrat;

L-ewwel imputazzjoni taddebita lill-imputat ir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, reat li jikkriminalizza l-aġir ta' min:-

'*... b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerqieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwarxi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor ...*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**[11], il-Qorti tal-Appell Kriminali ippreċiżat illi:-

"*Fit-truffa l-liġi riedet timpedixxi* ***l-inganni għat-trasferiment ta' oġġetti biex isir profitt indebitu minnu.*** *"* (enfasi ta' din il-Qorti)

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

[11] Deċiża fit-12 ta' Diċembru 1959.

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** *li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq,* ***liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent*** *(Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma,* ***proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent*** *(Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140).* (enfasi ta' din il-Qorti)

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u ċioe' bejn minn qiegħed jikkometti ir-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann jew qerq ieħor, liema ingann għandu wkoll iwassal lill-vittma jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għal telf patrimonjali.

Huwa paċifikatament ritenut illi jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'*mise en scene*, ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[12].

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Maria Xuereb et**[13], il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' frodi u mis-sentenza tal-istess Qorti tat-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, ċitat is-segwenti bran minn sentenza tal-Corte di Cassazione Penale (Sez. II 3 ottobre 2006 n.34179) fejn intqal:-

[12] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).

[13] Deċiża fit-22 ta' Settembru 2016.

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore* ***e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente.***" (enfasi ta' din il-Qorti)

Ċitat ukoll minn sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri** deċiża fit-22 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti għamlet riferenża għat-tagħlim ta' Francesco Antolisei:-

"*L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa,* ***la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto****. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-*dolo* ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu bit-telf konsegwenzjali għall-vittma tar-reat[14].

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi in materja speċifika ta' emissjoni ta' *cheque*s li sussegwentement ma jiġux onorati mill-bank li fuqu jkunu inħarġu, dejjem fil-kwadru ta' indaġni dwar ir-reat ta' frodi, il-Qrati tagħna esprimew ruħhom f'diversi sentenzi. Il-Qorti tal-Appell Kriminali

---

[14] Fir-rigward ingħad:- *"... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu, ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*- **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, *ibid*.

addirittura rriteniet li jkun hemm ir-reat ta' truffa meta jigi emess *cheque* li ma jiġix onorat mill-bank, anke meta preċedentement il-vittma diġa' kellu problemi biex isarraf *cheque*s tal-akkużat, u sitwazzjoni bħal din b'ebda mod ma tfisser li bejjiegħ, ossia l-vittma, ikun dispost li jikkonsenja merkanzija "*on account*". Anke fejn imbagħad l-imputat ikun in segwitu ħallas lura l-ammont ipprokurat bil-ħruġ ta' *cheque*s li ma ġewx onorati, dan xorta waħda ma jfissirx li t-truffa ma tkunx saret[15].

Ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Franco Farrugia**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar 1985[16], ġie ritenut li:

"*Il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus, jista' jkun proprju l-mezz tal-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali, bil-konsegwenti gwadann ghall-agent*".

Imbagħad, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuel Ellul**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ġunju 1997, ġie ritenut li :-

"*Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga komplikata jew arkitetta b' hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b' kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x' tifhem li ghandha flus meta m' ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b' wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna.*"

Illi minn dan kollu huwa ċar illi juwa rikonoxxut illi l-ħruġ ta' *cheque* in linea ta' ħlas lill-kreditur, minn kont bankarju li l-pagatur ikun jaf li ma jkunx fih biżżejjed fondi biex ic-*cheque* jiġi onorat, jissodisfa l-element materjali tal-ingann fir-reat ta' frodi.

---

[15] **Il-Pulizija vs. Olaf Cini**, deċiża 21.6.2002.
[16] Vol. LXIX. p. 596.

**Iżda kif rajna wkoll, element ieħor materjali kostituttiv tar-reat ta' truffa kif ukoll ir-reat ta' frodi innominata, huwa t-telf patrimonjali subit mill-vittma tar-reat <u>sewwasew bħala konsegwenza tal-ingann</u> adoperat mill-aġent fil-konfront tiegħu**.

Applikat dan kollu għall-fattispeċje ta' dan il-każ, għall-Qorti ma hemmx dubju li l-imputat, meta ħareġ *cheque* minn kont bankarju li kien jaf li huwa magħluq jew ma kienx fih fondi, b'dan illi c-*cheque* ma seta' qatt jissarraf, inganna lill-vittma għaliex b'dan l-att l-imputat kien qiegħed falzament jassigura lil Maria Theresa Vella li fid-19 ta' Frar 2009 dan ic-*cheque* kien sejjer jissarraf u jiġi onorat mill-bank meta dan ma seta' qatt isir.

**Iżda l-element tat-telf patrimonjali bi ħsara tal-vittma tar-reat hekk kif imnissel bl-użu tal-ingann, mhux ippruvat. Dan qed jingħad għas-segwenti raġunijiet.**

Mhux kontestat illi l-pagament fis-somma ta' €3,000 li l-imputat kien ħallas lil Maria Theresa Vella bic-*cheque* datat 19 ta' Frar 2009 (Dok. MA2) liema *cheque* ma kienx onorat mill-bank, ma kienx ġie mħallas fuq l-iskrittura tal-kirja (Dok. ED) bħala l-ewwel pagament tal-kera dovut bil-quddiem li kien intiż biex il-pussess tal-istess fond jgħaddi f'idejh. Fil-fatt, huwa stabbilit illi l-kirja ġiet konkluża fl-4 ta' Mejju 2007, li jfisser illi meta sar il-pagament taħt skrutinju, għall-ħabta ta' Diċembru 2008, l-imputat kien ilu diġa sena u nofs fil-pussess tal-appartamenti mikrija mingħand Maria Theresa Vella. Huwa wkoll stabbilit mill-provi illi l-pagament magħmul permezz tac-*cheque* Dok. MA2, kien jirrappreżenta l-bilanċ ta' xi kera li kien ilu dovut taħt l-iskrittura tal-kirja. Kemm hu hekk, mix-xhieda jirriżulta li Maria Theresa Vella kienet ilha tagħmel pressjoni fuq l-imputat biex iħallasha l-kera li kien dovut u l-imputat innifsu xehed illi kienet tmur tħabbatlu d-dar kuljum biex iħallasha, iżda billi ma kienx qed idaħħal flus mill-kiri tal-appartamenti minħabba spejjeż imprevisti, ma kellux flus u kien jgħidilha hekk kull meta kienet titlobu għall-pagament. Tabilħaqq f'dan l-isfond ta' fatti l-imputat kien ħarġilha c-*cheque* fl-ammont ta' €3,000 *post-dated* għad-data tad-19 ta' Frar 2009 mill-kont ta' Venille Co. Ltd (Dok. MA2) li ma

kienx għadu jeżisti u b'firma ferm differenti mill-firma ordinarja tiegħu u l-firma li kien issottometta lil APS Bank Limited bħala kampjun.

**F'dan il-kwadru ta' fatti ma jirriżultax illi l-qerq ipperpetrat mill-imputat bl-użu taċ-*cheque* Dok. MA2 ipperswada lil Maria Theresa Vella taġixxi b'mod li tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li jġibilha telf u jġib qligħ korrispondenti għall-imputat, għaliex dan iċ-*cheque* ma kienx jirrappreżenta l-korrispettiv ta' xi jedd jew xi vantaġġ li ngħata lill-imputat minħabba sewwasew il-ħruġ ta' dak iċ-*cheque*.**

Fi kliem ieħor, ma kienx hemm il-konsenja lill-imputat, bis-saħħa tal-ħruġ taċ-*cheque* qarrieqi, ta' xi ħaġa li wassal għal konsegwenti telf patrimonjali lil Maria Theresa Vella u qligħ korrispondenti għall-imputat. Kif rajna, l-imputat kien ilu fil-pussess tal-appartament li kien kera mingħand Maria Theresa Vella, sa mill-4 ta' Mejju 2007, iktar minn sena u nofs qabel u kien ripetutament naqas milli jħallas il-kera dovut skont il-kuntratt tal-lokazzjoni. Fil-fatt, iċ-*cheque* Dok. MA2 li ngħata lil Maria Theresa Vella kien jirrappreżenta arretrati ta' kera li ma kienx tħallas meta kien hekk dovut, u kienet ilha ħafna żmien titolbu għall-ħlas.

Hu ovvju li l-imputat taha dan iċ-*cheque* biex jipprova jirbaħ ftit taż-żmien ieħor sakemm jikseb flus minn sors ieħor, senjatament il-ħlas tal-kera dovut lilu minn John Micallef, u mhux biex iġiegħlha, b'effett tal-ingann ipperpetrat, tagħmel xi ħaġa li biha jikseb bi ħsara għaliha, xi qligħ patrimonjali. **Fil-fatt, meta ġiet ingannata taċċetta in linea ta' ħlas tal-kera, iċ-*cheque* li qatt ma seta' jiġi onorat, Maria Theresa Vella ma għamlet xejn u lanqas naqset milli tagħmel xi ħaġa li ġabitilha telf, u ma telqet minn idejha xejn li ma kienetx preparata li titlaq kieku ma kienx għall-fatt li mingħaliha biċ-*cheque* in kwistjoni kienet ser tithallas**. Ma hemm xejn fil-provi lanqas li juri illi Maria Theresa Vella kienet sejra tipproċedi fil-konfront tal-imputat b'interpellazzjoni ġudizzjarja għat-terminazzjoni *ipso iure* tal-kirja skont il-klawsola bin-numru 15 tal-iskrittura tal-kirja minħabba nuqqas fil-pront tal-ħlas tal-kera, jew illi qablet li ma ttemmx il-kirja għaliex irċeviet pagament ta' €3,000

permezz tac-*cheque* Dok. MA2. **Fl-istess waqt, l-uniku ħaġa li akkwista l-imputat bil-ħlas li sar permezz ta' *cheque post-dated* li ma seta' qatt jissarraf, ma kienetx xi qligħ patrimonjali iżda biss żmien iktar għall-ħlas tad-debitu**.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Simon Baldacchino Barthet**[17] il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet is-segwenti osservazzjoni b'rabta mas-sentenza fuq ċitata fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emmanuel Ellul** li kienet tittratta każ konsimili in materja ta' truffa dwar ħruġ ta' *cheque*s għall-ħlas ta' debitu, liema *cheque*s ma ġewx onorati:-

"*Hu veru li fil-kaz ta'* ***Ellul*** *il-Qorti lliberat mill-akkuza ta' truffa ghax bil-fatt li l-appellant kien baghat cheque lil VAT Department u dan ma ssarrafx, ma setax jinghid li l-qerq tieghu – il-hrug tac-cheque fuq kont vojt – incida (jew seta' jincidi) fuq id-Dipartiment b' mod li dak id-Dipartiment jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li jgib it-telf u l-qliegh imsemmi. Imma l-kaz prezenti hu ghal kollox differenti ghax, minhabba l-hrug tac-cheques, l-appellant materjalment akkwista l-konsenji tal-merkanzija ghad-dannu patrimonjali ta' min ma kienx jeffettwa tali konsenja jekk mhux versu l-korrispettiv tal-prezz. (ara ukoll: "****Police vs. Anthony Francis Willoughby****" App. Krim. [12.2.1999], "****Il-Pulizja vs. Daniel Frendo****" App. Krim. [5.3.1994] u l-"****Il-Pulizija vs. Carmel Cassar Parnis****" App. Krim. [2*[18]*.12.1959] )*

F'dan il-kumpless ta' ċirkostanzi, m'huwiex riskontrabbli l-element essenzjali tar-reat ta' frodi konsistenti fit-telf patrimonjali u qligħ korrispondenti, ipprokurati b'effett tal-ingann ipperpetrat bil-ħruġ u trasmissjoni ta' *cheque* li ma seta' qatt jiġi onorat (Dok. MA2).

Għaldaqstant, mankanti l-element tat-telf patrimonjali tal-vittma bir-riżultat tal-ingann, l-imputat ma jistax jinsab ħati tar-reat ta' frodi, la taħt l-artikolu 308 u lanqas taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 u għandu raġun l-abbli avukat difensur meta jargomenta illi l-ħruġ ta' *cheque* da parti tal-imputat in linea ta' pagament ta' debitu li kien ilu

[17] Deċiża fit-13 ta' Novembru 2008.
[18] *Recte* : 12.12.1959.

dovut, bix-xjenza li dan ma kienx ser jiġi onorat mill-bank, ma jikkostitwixxix reat kriminali.

In kwantu għaċ-*cheque* Dok. MA1, il-Qorti kif diġa' qalet iktar qabel fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reat taħt l-artikolu 293 tal-Kap. 9, m'hijiex konvinta illi ġie ppruvat kif imiss u lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi l-imputat kien ingħata dan ic-*cheque* **qabel** id-data tad-19 ta' Frar 2009 meta huwa kien għaddih u ġirah a favur ta' Maria Theresa Vella, u li kien jaf li ma kienx hemm fondi fil-kont bankarju ta' All 4 U Co. Ltd ma' Bank of Valletta p.l.c. Anke jekk għal mument il-Qorti kellha taċċetta illi l-imputat kien jaf li l-kont ma kienx fih fondi u c-*cheque* ma setax jiġi onorat meta dan għaddih lil Maria Theresa Vella biex iħallasha l-kera li kellu jagħti skont il-kuntratt, diġa' ġie deċiż illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-ingann konsistenti fit-trasmissjoni ta' *cheque* li l-imputat kien jaf li ma kienx sejjer jiġi onorat, ma ssarraf f'ebda telf patrimonjali korrispondenti lill-vittma b'riżultat ta' dak l-ingann u għalhekk, dan l-element essenzjali tar-reat huwa nieqes anke fil-każ tal-ħlas li sar lil Maria Theresa Vella bic-*cheque* maħruġ mill-kont tal-kumpannija All 4 U Co. Ltd.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għar-reat ta' frodi la taħt l-artikolu 308 u lanqas taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali.

**Għal dawn il-motivi kollha, ma ssib ħtija għal ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba fiċ-ċitazzjoni u għal ebda wieħed mir-reati indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u konsegwentement, qiegħda tillibera lil NEVILLE SPITERI minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**